# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001 .

### Citazzjoni numru 49/93G1(PC)

**Mario Grima bhala mandatarju w in rappreżentanza ta' l-imsiefra Stella armla ta' John Mercieca, Carmen Anne mart Charlie Camilleri u William George ahwa Mercieca .**

**vs**

**Paolo Mercieca; Victoria Portelli; Francesca maria Mercieca; Maria Portelli; Michael Portelli; Emanuel Portelli; Joseph Portelli; u Pawla Mercieca li b'degriet tal-1 ta' April, 1993 gie nominata kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta lill-imsefrin Emmanuel Mercieca, Peter Joe Mercieca, Mary Zammit u Carmen Attard .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine, wara li ippremetta:**

**Illi b'kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor George Bonello Dupuis tat-12 ta' Settembru, 1961 Lorenzo u Giovanni ahwa Mercieca ulied Carmelo u Carmela nee' Sultana kienu akkwistaw il-porzjoni ta' disgha u tmenin parti minn sitta u disghin parti (89/96) indivizi mill-art imsejha "Tal-Kanal" limiti tax-Xaghra, Ghawdex tal-kejl superficjali ta' sittax (16) il-tomna, hames (5) sighan u seba' (7) kejliet pari ghal dsatax-il elf u tmienja u hamsin punt decimali tmienja u hamsin metri kwadri (19058.58 $m^2$) jinsabu bejn Strada Ghajn Qamar u Strada Masri Xaghra u konfinanti mit-Tramuntana ma' Strada Masri, nofsinhar ma' beni ta' Giuseppe Sultana u Lvant ma' beni ta' Paul Grech u Punent in parti ma' beni ta' Lorenzo Sultana u in parti ma' Sqaq suggett ghal cens annwu u**

**perpetwu ta' ghaxar xelini u sitt soldi (10s6d) pari ghal tnejn u hamsin centezmu u hames millezmi (52c5) .**

**Illi b'Att sussegwenti tad-29 ta' Gunju tas-sena 1962 b'kuntratt tan-Nutar Dottor John Busuttil, l-ahwa Mercieca fuq imsemmija akkwistaw ir-rimanenti seba' partijiet minn sitta u disghin parti (7/96) mir-raba tal-Kanal fuq imsemmija u b'hekk saru proprjetarji assoluti ta' l-istess raba .**

**Illi fit-18 ta' Dicembru 1982 f'Forster New South Wales Australia, John Sam Mercieca u b'testment esegwit fi New South Wales Australia datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u erbgha u sebghin (1974) huwa innomina bhala esekuturi tieghu lil martu Stella Mary Mercieca atturi f'din il-kawza u ghal dak li jirrigwarda l-proprjeta' mmobiljari huwa halla l-istess proprjeta' lil uliedu, William George Mercieca u Carmen Camilleri, fi kwoti indaqs bejniethom bil-patt li jhallsu lil ommhom l-attrici Stella Mary Mercieca ghaxart elef Dollaru Awstraljan (A $10,000) (Dok "A") .**

**Illi fis-6 ta' Settembru 1984 miet f'Lower Belford, New South Wales Australia Lawrence Mercieca, minghajr tfal u b'testment esegwit fl-istat ta' New South Wales Australia datat 3 ta' April 1983 filwaqt li innomina lill-atturi Stella Mercieca, u William George Mercieca . Huwa halla bhala eredi tieghu kwantu ghan-nofs lill-atturi, William George Mercieca u Carmen Camilleri fi kwoti ndaqs bejniethom, filwaqt li ghar-rimanenti huwa halla lis-segwenti :-**

**(a) it-tlett hutu f'Malta Victoria Portelli, Frances Mercieca u Pauline Mercieca fi kwoti ndaqs bejniethom ,**

**(b) lill-attrici Stella Mercieca ,**

**(c) it-tfal ta' wlied hutu bniet imsemmija fuq li huma Emmanuel, Joseph, Michael u Maria xebba .**

**(d) in-neputijiet kollha li hemm joqghodu fl-Awstralja ad eskluzjoni ta' l-atturi, William George Mercieca u Carmen Camilleri, li huma l-konvenuti Emmanuel Mercieca, Peter Joe Mercieca, Mary Zammit u Carmen Attard, filwaqt li Victoria Portelli oht it-testatur mietet qabel l-istess testatur u ulied huma l-konvenuti Emmanuel, Joseph, Michael u Mary xebba ilkoll ahwa Portelli, li ghalhekk wirtu s-sehem li kien jispetta lil ommhom Victoria Portelli ai termini tal-fuq imsemmi testment .**

**Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti fir-raba fuq imsemmi u ghalkemm interpellawhom debitament sabiex jaddivjenu ghad-divizjoni bonarja, dawn baqghu inadempjenti .**

**Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tordna d-divizjoni u segregazzjoni tal-ghalqa imsejha "tal-Kanal" limiti tax-Xaghra, Ghawdex fuq imsemmija f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenjahom wahda lill-wirt tal-mejjet Lorenzo Mercieca u l-ohra lill-wirt tal-mejjet Giovanni ossia John Sam Mercieca .**

2. **Tiddividi u taqsam il-parti tar-raba fuq imsemmija spettanti lill-mejjet Giovanni Mercieca, f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenjahom wahda lill-attur William George Mercieca u l-ohra lil Carmen Mercieca bil-kundizzjoni ta' hlas lill-attrici tas-somma flus imsemmija fl-imsemmi testment .**

3. **Tiddividi u taqsam il-parti tar-raba fuq imsemmi li tispettaha lill-wirt tal-mejjet Lawrence Mercieca f'zewg porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati kwantu ghall-porzjoni minnhom lill-atturi William George Mercieca u Carmen Camilleri, u kwantu ghall-porzjoni l-ohra, tigi assenjata lill-konvenuti Frances Mercieca u Pauline Mercieca fi kwota ta' wiehed minn tmienja (1/8) bejniethom, lill-konvenuti, Emmanuel, Joseph Michael u Maria xebba ahwa Portelli fil-kwota ta' wiehed minn tmienja (1/8) bejniethom, lill-attrici Stella Mercieca fil-kwota ta' wiehed minn tmienja (1/8) filwaqt li r-rimanenti parti ta' wiehed minn tmienja (1/8) lill-konvenuti, Emmanuel Mercieca, Peter Joe Mercieca, Mary Zammit, Carmen Attard, Emmanuel Mercieca, Joseph Mercieca, Michael Mercieca u Mary Mercieca bejniethom .**

4. **Tinnomina Nutar Pubbliku Malti li ghandu jippubblika l-att ta' divizjoni fid-data hin u lok li jigu stabbiliti, u bin-nomina tal-kuraturi ghall-eventwali kontumaci .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Lulju 1992 kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrkin ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur nomine minnu mahlufa bil-gurament .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi :**

1. **Huma ma jopponux ruhhom ghad-divizjoni kif mitluba, purche` li qabel xejn jigu vverifikati l-kwoti rispettivi tal-partijiet u dana peress illi l-konvenuti ma jaqblux mal-kwoti kif proposti fic-citazzjoni, kif ukoll li jigu vverifikati l-konsistenza tal-assi li hemm in divizjoni ;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-gurament ta' Paola Mercieca .**

**Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 1993 li bih innominat lill-A.I.C. Godfrey Vella Baldacchino bhala perit tekniku f'din il-kawza. Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu 1999 li bih issostitwiet lil dan il-perit bl-A.I.C. Joseph Mizzi fl-istess inkarigu .**

**Rat ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku l-A.I.C. Joseph Mizzi mahlufa fis-27 ta' April 2001.**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza tirrigwarda d-divizjoni ta' bicca art ipposseduta in komun bejn il-kondividenti u li pperveniet lilhom b'wirt minghand Lorenzo u Giovanni ahwa Mercieca, li kienu akkwistawha permezz ta' zewg kuntratti ta' xiri ndikati fic-citazzjoni . Gara pero' illi minn ricerki li saru fil-mori tal-kawza, irrizulta illi uhud mill-istess kondividenti, u specifikament Paola u Francesca ahwa xebbiet Mercieca kienu wahedhom xtraw sehem zghir ta' hames partijiet minn mitejn tmienja u tmenin parti (5/288) minghand il-familja Fenech bis-sahha ta' kuntratt in atti Nutar Tonio Spiteri tal-24 ta' Settembru 1990, biex allura jirrizulta illi l-ahwa msemmija Lorenzo u Giovanni Mercieca, minkejja li kienu xtraw disa' u tmenin minn sitta u disghin (89/96) parti bl-ewwel kuntratt u sebgha minn sitta u disghin (7/96) parti bit-tieni kuntratt, proprjament ma kienux akkwistaw l-ishma kollha minn din l-art . Dan kollu hu spjegat f'aktar dettal fir-relazzjoni ta' l-espert tekniku l-A.I.C. Joseph Mizzi.**

**Irrizulta wkoll illi kien hemm xi divergenzi fil-qisien ta' l-art in divizjoni, u l-kejl moghti fl-ewwel u t-tieni kuntratt ma kienux jaqblu . L-espert tekniku jispjega fir-rapport tieghu kif irnexxielu jistabilixxi l-kobor proprju ta' din l-art billi kkommissjona 'surveyors' b'apparat sofistikat biex isibu l-kejl preciz ta' din l-ghalqa, u anke billi qabbel ir-rizultanzi mal-kejl moghti fil-kuntratti u pjanti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, billi originarjament din l-ghalqa kienet giet moghtija in enfitewsi perpetwa mill-Gvern .**

**Fil-kors tas-smiegh tal-kawza ma rrizultaw ebda beni ohra, mobbli jew immobli, li ghadhom ipposseduti in komun bejn il-kondividenti u ghalhekk ghall-qasma hemm biss l-ghalqa "tal-kanal" limiti tax-Xaghra, Ghawdex .**

**Mit-testmenti ta' l-imsemmija Lorenzo u Giovanni, ahwa Mercieca, esebiti flimkien mac-citazzjoni prezenti, jirrizulta kif dawn iddisponew mill-ishma taghhom minn din l-ghalqa . Giovanni Mercieca halla jissopravivuh lil martu, l-attrici Stella Mercieca u liz-**

**zewg uliedu, l-atturi Carmen Anne mart Charlie Camilleri u William George, kif rapprezentati f'dawn il-proceduri mill-attur Mario Grima . Bhala eredi tieghu halla liz-zewg uliedu, bil-patt li dawn kellhom ihallsu lil ommhom ghal darba biss is-somma ta' ghaxart elef dollaru Awstraljan (A$10,000) . Lorenzo Mercieca miet improli u l-wirt tieghu ddevolva kwantu ghal nofs a favur ta' l-imsemmija William George Mercieca u Carmen Anne Camilleri, u n-nofs l-iehor kellu jinqasam f'erba' porzjonijiet :**

**(i) wiehed favur it-tlett hutu f'Malta, u cioe' l-konvenuti Victoria Portelli, u x-xebbiet Paola u Francesca Mercieca ;**

**(ii) iehor favur l-attrici Stella Mercieca ;**

**(iii) iehor favur l-ulied hutu bnien f'Malta, u cioe' l-konvenuti: Emanuel, Joseph, Michael u Maria xebba ahwa Portelli ; u**

**(iv) l-ahhar wiehed favur in-neputijiet imsiefrin u cioe' Emanuel Mercieca, Peter Joe Mercieca, Mary Zammit u Carmen Attard, kif rapprezenti f'dawn il-proceduri mill-konvenuta Paola Mercieca .**

**L-espert tekniku, wara li ha in konsiderazzjoni tal-kwoti rispettivi spetttanti lill-kondividenti kollha, tenut kont it-testmenti ta' l-imsemmija Lorenzo u Giovanni ahwa Mercieca, u s-sehem minimu mixtri mill-konvenuti Victoria u Francesca ahwa xebbiet Mercieca kif hawn fuq spjegat, rnexxielu jasal ghal pjan ta' qasma kif imfisser fid-dettal fir-relazzjoni tieghu (a fol. 147 –152 tal-process) u muri fuq il-pjanta annessa ma' l-istess relazzjoni (a fol. 153) . Kif jispjega fir-rapport tieghu, il-perit Mizzi qasam l-ghalqa *de quo* b'tali mod sabiex jaghti faccata fuq it-triq (Triq Masri) sew lill-atturi, kif ukoll lill-konvenuti . Hekk ukoll rriserva passagg komuni fuq il-parti ta' wara ta' l-istess ghalqa, sabiex kulhadd ikollu access liberu ghall-partijiet mill-ghalqa assenjati lilu, b'tali mod li l-*area* ta' dan il-passagg gie mnaqqsa minn kull porzjon a proporzjon ta' kull sehem.**

**A skans ta' ripetizzjonijiet inutili qed issir referenza shiha ghar-relazzjoni tal-perit tekniku, li l-kontendenti jidher li japprovaw *in toto,* u ghalhekk ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza .**

**Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tordna d-divizjoni ta' l-ghalqa "tal-Kanal", limiti tax-Xaghra, Ghawdex, deskritta fic-citazzjoni bil-mod spjegat mill-espert tekniku l-A.I.C. Joseph Mizzi fir-relazzjoni tieghu pprezentata f'din il-kawza, u dana bil-mod indikat fuq il-pjanta redatta mill-istess perit tekniku u annessa mar-relazzjoni tieghu .**

**Konsegwentement tordna l-assenjazzjoni ta' dawn il-porzjonijiet mill-ghalqa "tal-Kanal" lill-kondividenti kif spjegat fl-istess relazzjoni .**

**A tenur tat-testment ta' missierhom Giovanni Mercieca, l-atturi William Mercieca u Carmen Camilleri, kif rapprezentati, ghandhom ihallsu lill-ommhom Stella Mercieca, is-somma ta' ghaxart elef dollaru awstraljan (A$10,000), naturalment kemm il-darba dan m'ghamluhx diga' .**

**Ghall-fini tal-publikazzjoni tal-kuntratt relattiv tinnomina lin-Nutar Dr. Paul George Pisani LL.D. li ghandu jippubblika l-att ta' divizjoni u assenjazzjoni fl-ufficcju tieghu fit-28 ta' Lulju, 2001 fil-11.00a.m. .**

**Tinnomina wkoll lin-Nutar Dr. Joseph Grech bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci .**

**Billi din hija kawza ghad-divizjoni, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-kondividenti kollha, kulhadd skond is-sehem spettanti lilu mill-ghalqa in kwistjoni .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S4993Pc